# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 10 ta' Dicembru 2001**

**Numru 1**

**Avviz numru 700/00mm**

**Wininvest Limited**

**vs**

**Charles Abela, Kevin Fenech u Oliver Camenzuli fil-kwalita' taghhom bhala President, Segretarju u Tezorier rispettivament ghan-nom u in rapprezentanza tal-Mosta Football Club u b'digriet tat-8 ta' Novembru 2001 Mark Scalpello assuma l-atti flok Oliver Camenzuli**

**Il-Qorti,**

Rat l-avvizipprezentat mis-socjeta' attrici fil-25 ta' Mejju 2000 fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenuti li jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' seba mija u hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm725.00) ammont rapprezentanti hlas prezenzjalment minnhom dovut skond skrittura privata datata 1 ta' Mejju 1999,

liema hlas, li jirrapprezenta ri-pagament ta' self maghmul lill-Club minnhom gestit u rapprezentat, baqa' ma sarx, minkejja diversi interpellazzjonijiet lilhom maghmula.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tad-9 ta' Marzu,2000 u interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-imsemmija ittra ufficjali sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn eccepew:

1. Illi fl-ewwel lok, l-iskrittura redatta bejn il-partijiet hija nulla u kwindi inapplikabbli, stante li din ma gietx redatta skond l-Istatut tal-Mosta F.C.

2. Illi, minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, t-talba attrici hija intempestiva peress illi ghadu qatt ma sar l-ebda ftehim dwar il-modalita' ta' ripagament tad-debitu allegatament dovut lill-atturi mill-konvenuti.

3. Illi minghajr pregudizzju ghal premess, fi kwalunkwe kaz, il-pagamenti effettwati jikkostitwixxu novazzjoni tal-kondizzjoni tar-ripagament.

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi s-sur Winston Fenech Direttur tas-socjeta' attrici Wininvest Limited ghamel xi zmien president tal-Kumitat tal-*Mosta Football Club.* Jidher illi f'din il-kapacita' huwa hareg diversi somom ta' flus sabiex jaghmlu tajjeb ghal djun li minn zmien ghal zmien kien qed itella l-club. Dawn il-flus hargu kemm minn Winston Fenech personalment, kif ukoll mis-socjeta' attrici.

Il-kontestazzjoni f'din il-kawza qieghdha dwar il-ftehim illi sar fl-1 ta' Mejju 1999 li kopja tieghu hemm esebita a fol 50 tal-process. Skond dan il-ftehim iffirmat minn Winston Fenech u Joe Gauci ghan-nom tal-*Mosta Football Club,* dan ta' l-ahhar ikkostitwixxa ruhu b'debitur fil-konfront tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' elf u erba mitt lira (Lm1400.00) liema somma kellha tithallas lura b'rata ta' mitt lira fix-xahar (Lm100.00) b'effett mill-1 ta' Settembru 1999.

Fl-ewwel eccezzjoni taghhom il-konvenuti qieghdin ighidu illi din l-iskrittura hija nulla u mhux applikabbli stante illi ma gietx redatta skond l-*Istatut* tal-*Mosta Football Club*. Jekk dana huwa minnu l-Qorti jidhrilha illi allura l-konvenuti messhom agixxew separatament f'kawza *ad hoc* sabiex jannullaw din l-iskrittura datata 1 ta' Mejju 1999.

Nullita' ta' skrittura ma tistax titqajjem "in via di eccezzjoni", izda ghandha issir kawza apposta sabiex tigi dikjarata nulla u minghajr effett. Fin-nuqqas, trid tiehu din l-iskrittura bhala valida

u vinkolanti fil-konfront tal-partijiet. Mill-bqija l-Qorti ftit ghandha xi tghid dwar din il-kawza. L-iskrittura hija cara u dak li jinghad ma jistax jigi kontestat. Dana huwa konformi mat-taghlim tad-Dritt Ruman illi *"quoties in verbis nulla est ambiquitas, ibi nulla exposito contra verba fienda est".*

Minn nahha l-ohra, l-Qorti tirrileva wkoll illi l-konvenuti bdew jottempraw ruhhom mat-termini ta' dan il-ftehim, tant illi saru xi pagamenti fl-ewwel (1) ta' Settembru 1999, pagament iehor fl-ewwel (1) ta' Ottubru,1999, pagamenti ohrajn saru f'Novembru u f'Dicembru 1999. Wara dan ma sarux pagamenti ohra. Il-kwistjoni ta' novazzjoni mqajjma mill-konvenuti fit-tielet paragrafu taghhom ma treggix, peress illi novazzjoni trid tigi pruvata b'mod konkludenti, fejn irid jirrizulta car illi ftehim ikun qed jigi abbrogat u dahal iehor floku. F'dan il-kaz, zgur illi dan ma sarx. L-iskrittura msemmija f'ta l-1 ta' Mejju 1999 ma gietx abbrogata. Kif gia nghad, ghal kull fini u effetti tal-ligi dina hija vinkolanti bejn il-partijiet u sakemm ma jkun hemm dikjarazzjoni apposta mill-Qorti kompetenti illi tali skrittura hija nulla u minghajr effett, din il-Qorti trid tehodha bhala tali u taccetta dawk il-kondizzjonijiet maghmula f'dak il-ftehim. Il-partijiet huma obbligati biha u jridu jirrispettawha. Il-konvenuti bdew jirrispettaw dan il-ftehim izda f'daqqa wahda dehrilhom li ma kellhomx jkomplu jhallsu, pero' ma jistghux f'dan l-istadju ighidu li kien hemm novazzjoni, meta l-ewwel ftehim ghadu jsehh u gie osservat in parte minnhom. Mill-bqija ma jidhirx illi hemm kontestazzjoni dwar il-"quantum" li qed jigi reklamat mis-socjeta' attrici. Din il-Qorti jidhrilha illi dan ghadu dovut lis-socjeta' attrici kif miftiehem.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u tikkundanna lill-konvenuti jhallsuha s-somma ta' seba mija u hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm725.00) rapprezentanti hlas prezenzjalment minnhom dovut skond skrittura privata datata 1 ta' Mejju 1999, liema hlas, li jirrapprezenta ri-pagament ta' self maghmul lill-Club minnhom gestit u rapprezentat, u li baqa' ma sarx.

Bl-ispejjez u bl-interessi legali mid-data tan-notifika ta' dan l-avviz kontra l-konvenuti.

Anthony Zammit

Dep Reg